MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1375/1996/1

**Emanuel Cini**

***Versus***

**Paul, Anthony u Joseph aħwa Cini, u l-Avukat Edwina Chetcuti u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil maħtura b'dikriet tal-20 ta' Novembru 1996 kuraturi deputati biex jidhru għall-imsiefer Vincent Cini li jinsab assenti minn dawn il-Gżejjer; u b'nota tal-5 ta' Diċembru 1996 Joseph Cini assuma r-responsabbiltà ta' kuratur ta' l-imsiefer ħuh Vincent Cini**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-qsim tal-wirt tal-ġenituri tal-partijiet, u l-ħlas tal-leġittima li tmiss lilu.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi Rosario u Carmela miżżewġin Cini kienu għamlu testment *unica charta* fit-2 ta' Mejju 1975 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia. Dan kien l-aħħar testment tagħhom, ħlief għal "dikjarazzjoni notarili" (*recte*, testment

ieħor) li kien għamel Rosario Cini fit-12 ta’ Frar 1994 fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman.

Carmela Cini mietet fit-2 ta’ Lulju 1981 u Rosario Cini miet fl-14 ta’ Novembru 1995.

Fit-testment tagħhom Rosario u Carmela Cini kienu ħallew lill-konvenuti ħut l-attur — Paul, Vincent, Anthony u Joseph aħwa Cini — werrieta tagħhom f’ishma ndaqs; lill-attur riedu wkoll jeskluduh mil-leġittima għar-raġunijiet imsemmija kemm fit-testment kif ukoll fit-testment fl-atti tan-Nutar Hayman. L-attur iżda jgħid illi ma huwiex minnu illi lilu ngħata f’ħajjet il-ġenituri dak li jmiss lilu biex jagħmel tajjeb għal-leġittima. Għalhekk, għadha tmiss lilu l-leġittima mill-wirt tal-ġenituri.

L-attur għalhekk qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti li kien hemm bejn il-miżżewġn Cini;

2. tillikwida l-wirt ta’ l-istess miżżewġin Cini, li għandhom jinqasmu bejn il-partijiet b’dan illi għandha tiġi stabbilita l-parti riservata mil-liġi lill-attur bħala leġittima; u

3. taħtar nutar biex jippubblika l-att ta’ diviżjoni fil-ġurnata, ħin u post li tgħid il-qorti, u taħtar avukat biex jidher f’isem min ma jersaqx għall-pubblikazzjoni ta’ l-att.

Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż.

Il-konvenut Paul Cini ressaq l-eċċezzjoni illi hu qatt ma oppona illi l-attur jieħu dak li jmiss lilu skond il-liġi u għalhekk ma għandux ibati spejjeż.

Il-konvenuti Joseph Cini *proprio et nomine* u Anthony Cini ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet ta’ l-attur safejn jolqtu l-wirt ta’ Carmela Cini waqgħu bi preskrizzjoni taħt l-art. 845 tal-Kodiċi Ċivili;

2. l-attur kien diżeredat kemm bis-saħħa tat-testment *unica charta* tat-2 ta’ Mejju 1975 kif ukoll bl-istqarrija magħmula minn Rosario Cini fit-12 ta’ Frar 1994 fl-atti tan-Nutar John Hayman, u dan skond l-artt. 622 u 630 tal-Kodiċi Ċivili; u

3. bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħra, trid issir il-prova ta’ x’kienu l-assi illi l-attur ħa matul il-ħajja tal-konjuġi Cini, li kienu aktar minn kull sehem li jista’ jkollu bħala leġittima; dan għandu jsir sabiex tiġi likwidata l-leġittima kif irid l-art. 620(3) tal-Kodiċi Ċivili.

Il-fatti relevanti huma dawn:

B’testment *unica charta* li kienu għamlu fit-2 ta’ Mejju 1975 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia, Rosario u Carmela miżżewġin Cini, ġenituri tal-partijiet, wara li ħassru kull testment li għamlu qabel, ħallew xi legati u ħatru lill erba’ konvenuti bħala werrieta f’ishma ndaqs, iddisponew hekk fit-tmien artikolu:

It-testaturi għal kull buon fini jiddikjaraw li ma ħallew xejn lil binhom l-ieħor Emmanuele Cini peress li dan ħa biżżejjed mingħand it-testaturi biex mhux biss jissodisfa l-leġittima imma wkoll biex jissupera ferm l-istess leġittima.[1]

Wara l-mewt ta’ Carmela Cini, Rosario għamel testment ieħor fit-12 ta’ Frar 1994 fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman, u wara li wettaq it-testment li kien għamel *iunica charta* ma’ martu, fit-tieni artikolu għamel din l-istqarrija:

It-testatur b’referenza għat-tmien artikolu tat-testment fuq ċitat jordna li kemm-il darba Emmanuele Cini jippromovi xi azzjoni għal-leġittima *stante* li lilu sarulu diversi donazzjonijiet fi flus kontanti meta ipprova jmexxi diversi negozji, illi jikkalkola dawn id-donazzjonijiet illi t-testatur jiddikjara li fiż-żmien li sar il-preċitat testment kienu jammontaw għal għaxart elef lira (Lm10,000).

B’sentenza mogħtija fit-2 ta’ Mejju 2006 il-qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni dwar il-wirt ta’ Carmela Cini għas-sehem li jmiss mill-wirt lill-konvenuti Vincent, Anthony u Joseph Cini.

Fl-istess sentenza l-qorti, wara li qalet illi ma hijiex sejra toqgħod fuq l-istqarrija magħmula minn Rosario Cini fit-testment tat-12 ta’ Frar 1994 fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman, fejn it-testatur kien qal li kien ta b’donazzjoni lill-attur daqskemm jiswew għaxart elef lira (Lm10,000), ħatret perit legali sabiex, bil-għajnuna ta’ perit tekniku, jagħmel likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, ta’ l-assi tal-wirt ta’ l-omm, u ta’ l-assi tal-wirt tal-missier, b’dan illi kellu jqis mhux biss l-assi fil-waqt tal-mewt – *relictum* – iżda wkoll dawk mogħtija b’donazzjoni – *donatum* – matul il-ħajja tat-testaturi.

Il-perit legali ħalef ir-rapport tiegħu fis-26 ta’ Ġunju 2007[2] u l-perit legali ħalef ir-rapport fid-9 ta’ Novembru 2007[3].

[1] *Fol.* 6.
[2] *Foll.* 213 *et seqq.*
[3] *Foll.* 241 *et seqq.*

Sabiex jaslu għal-likwidazzjoni tal-leġittima li tmiss lill-attur mill-wirt kemm ta' l-omm kif ukoll tal-missier, il-periti ġudizzjarji mxew kif iridu l-artt. 616, 620, 647 u 648 tal-Kodiċi Ċivili li, fiż-żmien relevanti, qabel l-emendi magħmula bl-Att XVIII ta' l-2004, kienu jgħidu hekk:

**616.** (1) Il-leġittima ta' tfal leġittimi, jew ta' tfal leġittimati bi żwieġ li jsir wara, jew ta' tfal adottivi, hija t-terz tal-beni tal-mejjet, jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erbgħa, jew in-nofs ta' dawk il-beni jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Il-leġittima tinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnha.

… … …

**620.** (1) Il-leġittima għandha tingħata fi proprjetà sħiħa, u testatur ma jista' jgħabbiha b'ebda piż jew kondizzjoni.

(2) Il-leġittima tinqies fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun ta' l-assi u l-ispejjeż tal-funerali.

(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż ta' l-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti oħra.

(4) Dak li jmissu l-leġittima għandu jaqta' minnha dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 913 sad-938.

… … …

**647.** Id-disposizzjonijiet ta' testment, meta jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, għandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiż-żmien tal-ftuh tas-suċċessjoni … … …

**648.** Biex jiġi stabbilit kemm għandu jkun dan it-tnaqqis, għandhom jitħarsu dawn ir-regoli li ġejjin:

(*a*) għandha ssir ġabra tal-beni kollha li jkun hemm fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatgħu minnhom id-djun;

(*b*) imbagħad għandhom jiġu mgħaqqdin magħhom b'kalkolu biss, il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni, kwantu għall-ħwejjeġ mobbli skond il-valur tagħhom fiż-żmien tad-donazzjoni, u, kwantu għall-ħwejjeġ immobbli, skond l-istat tagħhom fiż-żmien tad-donazzjoni u l-valur tagħhom fiż-żmien tal-mewt tat-testatur;

(*ċ*) is-sehem li t-testatur seta' jagħmel minnu jinqies fuq l-assi hekk miġbur, billi jittieħed qies tal-jeddijiet ta' dawk li

għandhom jedd b'liġi ta' sehem mill-beni tiegħu, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 615 sas-639.

Billi l-ulied huma ħamsa, il-leġittima tiġi n-nofs, li jinqasam bejn l-ulied kollha b'mod illi sehem l-attur jiġi wieħed minn għaxra ($^{1}/10$).

Mix-xiehda ħareġ illi l-ġenituri għamlu donazzjonijiet lil uliedhom, kemm lill-attur u kemm lill-konvenuti. Xi wħud mid-donazzjonijiet kienu ta' flus kontanti waqt li donazzjonijiet oħrajn kienu ta' beni immobbli, għalkemm id-donazzjoni saret taħt il-libsa ta' kuntratt oneruż.

Il-beni tal-wirt ta' Carmela Cini, l-omm, li mietet fit-2 ta' Lulju 1981, għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tal-leġittima, kif joħorġu mix-xiehda u mill-istimi u l-kalkoli tal-periti ġudizzjarji, huma dawk li jidhru fl-iskeda A mehmuża ma' din is-sentenza. B'kollox, il-beni jiswew ħmistax-il elf u ħamsa u erbgħin lira (Lm15,045) – ħamsa u tletin elf u ħamsa u erbgħin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€35,045.42) – magħduda wkoll donazzjoni ta' erbat elef, disa' mija u għoxrin lira (Lm4,920) – ħdax-il elf, erba' mija u sittin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€11,460.52) – mill-komunjoni ta' l-akkwisti, li sehem it-testatriċi minnha jiġi elfejn, erba' mija u sittin lira (Lm2,460) – ħamest elef, seba' mija u tletin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€5,730.26) – magħmula lill-attur.

Il-leġittima li tmiss lill-attur tista' tinħadem biss fuq sehem il-konvenut Paul Cini, billi t-tliet werrieta l-oħra ressqu eċċezzjoni ta' preskrizzjoni li ntlaqgħet. Għalhekk is-sehem ta' wieħed minn għaxra ($^{1}/10$) jinħadem fuq sehem wieħed minn erbgħa (¼) tal-wirt, biex lill-attur ikun imissu biss sehem wieħed minn erbgħin li jittieħed mis-sehem ta' Paul Cini. Dan is-sehem jiġi tliet mija u sebgħa u sittin lira u tlittax-il ċenteżmu (Lm376.13) – tmien mija u sitta u sebgħin eiro u ħmistax-il ċenteżmu (€876.15) – li jiġi anqas mis-sehem li ġà ħa l-attur b'donazzjoni (bla ma nidħlu, għax mhux meħtieġ, fil-kwistjoni jekk – ladarba l-leġittima nħadmet fuq sehem wieħed minn erbgħa tal-wirt billi ntlaqgħet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni dwar it-tliet ishma l-oħra – mil-leġittima tintaqqasx id-donazzjoni kollha mogħtija lill-attur jew sehem wieħed biss minn erbgħa minnha, għax f'kull każ is-sehem mid-donazzjoni jiġi aktar mil-leġittima).

Il-beni tal-wirt ta' Rosario Cini, il-missier, li miet fl-14 ta' Novembru 1995, għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tal-leġittima, kif joħorġu mix-xiehda u mill-istimi u l-kalkoli tal-periti ġudizzjarji, huma dawk li jidhru fl-iskeda B mehmuża ma' din is-sentenza. B'kollox, il-beni jiswew tlieta u tletin elf, tmien mija u erba' liri (Lm33,804) – tmienja u sebgħin elf, seba' mija u tnejn u erbgħin elf euro u erbatax-il ċenteżmu (€78,742.14) – magħduda wkoll donazzjoni ta' erbat elef, disa' mija u għoxrin lira (Lm4,920) – ħdax-il elf, erba' mija u sittin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€11,460.52) – mill-komunjoni ta' l-akkwisti, li sehem it-testatur minnha jiġi elfejn, erba' mija u sittin lira (Lm2,460) – ħamest elef, seba' mija u tletin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€5,730.26) – magħmula lill-attur.

Is-sehem ta' wieħed minn għaxra ($^{1}/10$) riżervat bħala leġittima favur l-attur jiġi tlitt elef, tliet mija u tmenin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm3,380.40) – sebat elef, tmien mija u erbgħa u sebgħin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€7,874.21). Minn dan is-sehem trid titnaqqas id-donazzjoni ta' elfejn, erba' mija u sittin lira (Lm2,460) – ħamest elef, seba' mija u tletin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€5,730.26) – magħmula lill-attur, kif irid l-art. 620 tal-Kodiċi Ċivili, u hekk jifdal bilanċ favur l-attur ta' disa' mija u għoxrin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm920.40) – elfejn, mija u tlieta u erbgħin euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2,143.96).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tgħid illi lill-attur ma jmissu jieħu xejn aktar mill-wirt ta' l-omm, billi dak li ngħata b'titolu ta' donazzjoni matul ħajjitha jaqbeż is-sehem riżervat favur tiegħu bħala leġittima; tillikwida s-sehem li jmiss lill-attur bħala leġittima mill-wirt tal-missier fis-somma ta' disa' mija u għoxrin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm920.40) – elfejn, mija u tlieta u erbgħin euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2,143.96).

Għalkemm il-leġittima, fiż-żmien relevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża, kienet sehem mill-beni tal-wirt, madankollu, billi l-valur huwa relativament żgħir, il-qorti sejra tordna li titħallas fi flus.

Ukoll, billi l-attur ma huwiex werriet, u għalhekk ma huwiex leġittimat biex jitlob il-qsim tal-beni tal-wirt iżda biss il-ħlas lilu tal-leġittima, ma huwiex meħtieġ illi l-qorti

tipprovdi dwar it-talba għall-qsim tal-beni u għall-ħatra ta' nutar u ta' kuraturi.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu lill-attur bħala leġittima li tmiss lilu mill-wirt ta' missieru Rosario Cini is-somma ta' elfejn, mija u tlieta u erbgħin euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2,143.96), flimkien ma' l-imgħaxijiet relativi minn dakinhar meta saret talba b'att ġudizzjarju għall-ħlas.

L-ispejjeż jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (⅓) jħallsu l-attur u żewġ ishma minn tlieta (⅔) iħallsuhom il-konvenuti flimkien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------